



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0474/2021**

21.9.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bżonn li titrawwem l-impreditorija tan-nisa

**Susanna Ceccardi, Silvia Sardone, Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Elena Lizzi, Isabella Tovaglieri, Simona Baldassarre, Stefania Zambelli, Gianantonio Da Re, Antonio Maria Rinaldi, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bżonn li titrawwem l-impreditorija tan-nisa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża u, għaldaqstant, l-impreditorija tan-nisa wkoll;
- B. billi skont rapport tal-OECD tal-2017, fost il-persuni li jaħdmu għal rashom fl-2015 il-perċentwal ta' nisa huwa inqas meta mqabbel ma' dak tal-irġiel bi kważi n-nofs (9,9 % meta mqabbel ma' 17,8 %) <sup>1</sup> u billi dan id-distakk kiber minħabba l-emerġenza tal-COVID-19;
- C. billi fil-livell Ewropew m'hemmx definizzjoni uffiċjali univoka tal-impreditorija tan-nisa u li, għalhekk, bosta impriżi bi tmexxija femminili huma żvantaġġati, jew saħansitra ikunilhom impossibbli li jaċċedu għal bonusijiet, inċentivi u benefiċċji ta' taxxa u b'hekk jitilfu possibbiltajiet interessanti ta' finanzjament;
- 1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu kull inizzjattiva utli fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha bl-iskop li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jsostnu l-impreditorjalità tan-nisa;
- 2. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-kunċett ta' impreditorija tan-nisa biex tissemplifika l-aċċess għall-finanzjamenti u għal forom oħra ta' appoġġ, b'hekk jingħelbu l-ostakli burokratiċi, jiġi żgurat trattament indaqs bejn l-irġiel u n-nisa f'dak li hu aċċess għall-kapital għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-SMEs.

---

<sup>1</sup> <https://www.oecd.org/cfe/smes/Policy-Brief-on-Women-s-Entrepreneurship.pdf>